Is-sitwazzjoni preżenti dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili f'

MALTA

IL QAFAS LEGALI

Il konvenzjonijiet internazzjonali u Ewropej

Malta rratifikat bosta konvenzjonijiet internazzjonali li jikkundannaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM) inkluż id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti (CAT), il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC), il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR), u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2010/C 83/02). Malta ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (CETS Nru 210).

Il liġi kriminali

Il-liġi kriminali ġenerali hi applikabbli għall-FGM, b'mod partikolari l-Artikolu 214 tal-Kodiċi Penali, li jikkonsisti fir-reat tal-offiża fuq il-persuna. Il-mutilazzjoni fiżika, kif imsemmija fl-Artikolu 54d(b), hi punibbli jekk tikkawża mewt jew tipperikola s-saħħa b'mod serju. F'Malta, m'hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fuq l-FGM fil-liġi kriminali.

Il liġi dwar il-protezzjoni tat-tfal

Il-liġi dwar il-protezzjoni ġenerali tat-tfal tista' tintuża f'każijiet tal-FGM. 'L-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal' (ATT VII tal-2003, kif emendat b'Avviż Legali 427 tal-2007) jipprovdi għall ħatra ta' Kummissarju għat-Tfal bil-poter li jinvestiga kull ksur tad-drittijiet tat-tfal u biex jippromovi l-kura speċjali u l-protezzjoni (legali). Skont 'l-Att dwar il-Vjolenza Domestika', (ATT 2005 tal-2005), il-vjolenza domestika tfisser kull att ta' vjolenza, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor, inkluż tifel jew ġenitur, u tinkludi kull negliġenza li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor. Il-Paragrafu 10(1) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja intitolata 'Regolamenti dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordinijiet għall-ħarsien)' (Avviż

Legali 49 tal-1985, kif emendata b'Avviżi Legali 43 tal-1999 u 102 tal-2005), jgħid li 'ikun id-dmir ta' kull persuna jew persuni responsabbli għad-dar, hostel jew istituzzjoni li magħha jew li fiha tifel jew żagħżugħ ikun ġie alloġġjat jew akkomodat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tal-Att li jiżguraw li dak it-tifel jew dak iż-żagħżugħ ikun ittrattat u mrobbi f'ambjent (...) li jwassal għal sigurtà psikoloġika kif ukoll għal benesseri fiżiku, sabiex ikun hemm żvilupp normali u b'saħħtu.

Il liġi dwar l-asil

Il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.02 'Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil (Applikazzjoni għal Dikjarazzjoni) (Avviż Legali 253 tal-2001)' tirreferi 'għall-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-ħarsien)' għal dawk il każijiet fejn tifel taħt l-età ta' 18-il sena, li mhux fil-kustodja ta' xi persuna, qed ifittex l-asil, f'liema każ l-imsemmi Att għandu japplika għal dak it-tifel.

Dwar l-istudju

Sabiex jikkontribwixxi biex jiġi identifikat u jimtela l-vojt fil-ġbir tad-dejta u jappoġġja l-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi kkummissjona 'l-Istudju biex tiġi ppjanata s-sitwazzjoni u x-xejriet preżenti tal-mutilazzjoni ġenitali femminili fis-27 Stat Membru u fil-Kroazja. Dan l-istudju tnieda fuq talba ta' Viviane Reding,il Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea. Dan kien immexxi miċ-Ċentru Internazzjonali għas-Saħħa Riproduttiva (ICRH) tal-Università ta' Ghent u mill-Yellow Window Management Consultants (taqsima tal E.A.D.C.).

Ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni fis-27 Stati Membri tal-UE u fil-Kroazja u r-riċerka fid-dettall f'disa' Stati Membri jiġbru l-ewwel ġabra ta' informazzjoni u dejta, il-qafas legali u ta' politika, l-atturi, l-għodda u l metodi fil-qasam tal-FGM fl-UE. L-istrateġiji nazzjonali differenti biex tiġi ttrattata l-FGM fl-UE ġew analizzati u mqabbla biex jiġu jdentifikati prattiċi b'potenzjal fil-prevenzjoni,fil-protezzjoni, fil-prosekuzzjoni, fil-provvista ta' servizzi, fis-sħubija u fil-prevalenza.

Aktar tagħrif u referenzi dwar l-istudji huma aċċessibli f'www.eige.europa.eu

L-INDIKATUR / IL-PAJJIŻ	Studji ta' prevalenza tal-FGM	Asil mogħti għal raġunijiet tal-FGM	Dispożizzjoni ta' liġi kriminali speċifika dwar l-FGM	Pjan ta' azzjoni nazzjonali li jkopri l-FGM	Interventi ta' protezzjoni tat tfal relatati mal-FGM	Rekords tal-isptar/mediċi tal-FGM
IL-BELĠJU	✓	✓	✓	✓		✓
IL-BULGARIJA						
IR-REPUBBLIKA ĊEKA						
ID-DANIMARKA			✓	✓	✓	
IL-ĠERMANJA	✓	✓		✓	✓	
L-ESTONJA						
L-IRLANDA	✓	✓	✓	✓		✓
IL-GREĊJA				✓		
SPANJA			✓	✓	✓	
FRANZA	✓	✓		✓	✓	✓
IL-KROAZJA			✓	✓		
L-UNGERIJA	✓	✓				
L-ITALJA	✓	✓	✓	✓	✓	
ĊIPRU			✓			
IL-LATVJA		✓				
IL-LITWANJA		✓				
IL-LUSSEMBURGU						
MALTA						
L-OLANDA	✓	✓		✓	✓	✓
L-AWSTRIJA		✓	✓	✓		
IL-POLONJA						
IL-PORTUGALL				✓		✓
IR-RUMANIJA		✓				
IS-SLOVENJA						
IS-SLOVAKKJA		✓				
IL-FINLANDJA				✓	✓	
L-ISVEZJA		✓	✓	✓	✓	✓
IR-RENJU UNIT	✓	✓	✓	✓	✓	✓

X'inhi l-mutilazzjoni ġenitali femminili?

- Il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), magħrufa wkoll bħala ċ-ċirkonċiżjoni femminili, hija forma ta' vjolenza sessista. Din tinkludi l-proċeduri kollha li jinvolvu t-tneħħija totali jew parzjali tal-ġenitalja esterna tan-nisa jew xi dannu ieħor lill-organi ġenitali femminili għal raġunijiet mhux mediċi.
- L-FGM għandha effetti negattivi fuq is-saħħa tan-nisa fuq terminu qasir, medju u twil u tista' wkoll twassal għall-mewt. Din issir kemm għal raġunijiet kulturali kif ukoll soċjali. Hemm tendenza li jintużaw argumenti reliġjużi biex tiġi ġġustifikata l-prattika iżda m'hemm l-ebda mandat reliġjuż għaliha.
- Skont il-UNICEF, l-FGM hi pprattikata f'iktar minn 20 pajjiż Afrikan b'firxa mis-Senegal fil-punent sas-Somalja fil-lvant.
- Għalkemm il-figuri globali huma diffiċli biex jiġu stmati, eluf ta' nisa u bniet li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (UE) jista' jkun li ġew mutilati jew huma f'riskju tal-FGM.
- L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri huma marbuta li jiġġieldu l-FGM, kif jidher 'fl-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2010-2015)' tal-Kummissjoni. Il-programm Daphne III kellu rwol kruċjali biex l-FGM tpoġġiet fuq l-aġenda f'bosta pajjiżi tal-UE u biex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' proġetti transnazzjonali f'dan il-qasam.
- Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 fuq it-twaqqif tal-FGM tistipula b'mod ċar li 'kull forma ta' mutilazzjoni ġenitali femminili hija prattika tradizzjonali li tagħmel il-ħsara li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala parti minn reliġjon, iżda hi att ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet li tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom'. Il-Parlament Ewropew isejjaħ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni b'saħħitha sabiex jiġġieldu din il-prattika illegali.

Il-liġi dwar is-segretezza professjonali

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali speċifiċi fir-rigward tar rappurtaġġ ta' każijiet fejn l-FGM ġiet imwettqa jew hi ppjanata, il-liġi ġenerali fir-rigward tas-segretezza professjonali u tad-divulgazzjoni tista' tiġi applikata f'Malta.

IL-QAFAS TA' POLITIKA

Il-Politika Nazzjonali dwar is-Saħħa Sesswali (2010) tirreferi għall FGM bħala 'waħda mir-realtajiet li jqumu madwar is-saħħa sesswali li trid tiġi indirizzata b'mod aktar komprensiv f'Malta, bħala riżultat taż-żieda fin-numru ta' residenti li joriġinaw minn soċjetajiet fejn it-tali prattiċi huma magħrufa bħala prevalenti'. Sa Frar 2012, ma kien hemm l-ebda dokument ta' politika li jittratta l-FGM. L-FGM hi indirizzata fiċ-ċentri miftuħa (ta' detenzjoni) permezz tal-edukazzjoni mit-Taqsima tas-Saħħa tal-Immigranti u mis-Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati, iżda ma ġew identifikati l-ebda politiki ta' gwida uffiċjali.

IL-PREVALENZA TAL-FGM FIL-PAJJIŻ

Minn Frar 2012, m'hemm l-ebda kalkoli rappreżentattivi dwar in-numru ta' nisa bl-FGM jew ta' bniet f'riskju f'Malta. Rapport intern tal-200 mit-Taqsima tas-Saħħa tal-Immigranti dwar l-FGM, iddikjara li 242 mara ġew minn pajjiżi bi prevalenza għolja tal-FGM, waqt li rapport intern ieħor dwar prattiċi tal-ispazjar tat-tfal fost in-nisa Somali li jgħixu fiċ-ċentri miftuħa f'Malta, iddikjara li 262 mara kienu qed jgħixu f'ċentri simili fl-2011, u li 114 minnhom kellhom tfal żgħar.
U finalment, studju li sar bejn l-2003 u l-2007 wera li kien hemm 566 twelid f'Malta minn ommijiet ta' nazzjonalità Afrikana. Mija u sebgħin minn dawn l-ommijiet ġew mir-reġjuni sub-Saħarjan u tas-Saħel.

X'inhi l-vjolenza sessista?

- Il-vjolenza sessista hi vjolazzjoni tad-drittijiet umani u forma ta' diskriminazzjoni. Hi definita bħala vjolenza diretta kontra persuna fuq bażi ta' sess. Il-vjolenza sessista tirrifletti u ssaħħaħ l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa u tirriżulta f'dannu fiżiku, mentali u sesswali. Fost oħrajn din tinkludi: vjolenza domestika, stupru, fastidju sesswali, vjolenza sessista waqt kunflitt, mutilazzjoni ġenitali femminili, żwiġijiet sfurzati, prostituzzjoni sfurzata, sterilizzazzjoni sfurzata, infanticidju femminili u għażla tas-sess qabel it-twelid.

- Fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011–2020) il-Kunsill tal-UE jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jwettaq l-ambizzjonijiet tal-UE rigward l-ugwaljanza tas-sessi kif imsemmija fit-Trattat. B'mod partikolari, dan jenfasizza l-bżonn li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa. B'hekk ikun assigurat li jitgawdew b'mod sħiħ id-drittijiet umani min-nisa u mill-bniet u tissaħħaħ l-ugwaljanza bil ħsieb li jinħoloq aktar inklussivita' u żvilupp fis-suq tax-xogħol fl-Ewropa.

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa tas-26 ta' Novembru 2009 tħeġġeġ lill-Istati Membri biex fost l-oħrajn, itejbu l-liġijiet u l-politiki nazzjonali tagħhom biex jiġġieldu l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali komprensivi ghal dan il-għan.

- L-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015 tenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa. Il-Programm ta' Stokkolma 2009 jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ speċjali u protezzjoni legali għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa. Minbarra dan, il-Dokument dwar in-Nisa 2010 tipprevedi l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika effettiva u komprensiva biex tiġi miġġielda l-vjolenza sessista kif ukoll it-tisħiħ tal-miżuri biex tinqered l-FGM u atti oħra ta' vjolenza.

Il-fatti

- Minn Frar 2012, m'hemm l-ebda dokument ta' politika li jindirizza l-FGM.

- Il-Politika Nazzjonali dwar is-Saħħa Sesswali (2010) tirreferi għall FGM bħala 'waħda mir-realtajiet li qed jitqajmu dwar is-saħħa sesswali li trid tiġi indirizzata'.

- Ftit atturi (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u korp pubbliku wieħed) għandhom x'jaqsmu mal-FGM fix-xogħol tagħhom ma' immigranti irregolari li jgħixu fiċ-ċentri miftuħa.

- Fl-2010 ġie organizzat taħriġ dwar l-FGM għall-professjonisti tas-saħħa.

Iċ-Ċifri

- Bejn l-2003 u l-2007, kien hemm 566 twelid f'Malta minn ommijiet ta' nazzjonalità Afrikana; mija u sebgħin minnhom ġew mir-reġjuni sub-Saħarjan u tas-Saħel.

- Sal-2009, hu stmat li f'Malta kienu qed jgħixu 242 immigranta minn pajjiżi fejn hi pprattikata l-FGM.

- Hemm rekord ta' każ wieħed minn familja Etjopjana fejn l-asil intalab minħabba l-FGM, iżda ma ngħatax.

Dwar l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi hu ċ-ċentru ta' għarfien Ewropew dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-EIGE jappoġġja lil min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet relevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn minnhom, billi jipprovdilhom kompetenzi speċifiċi u informazzjoni komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni: www.eige.europa.eu

La l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u lanqas ebda persuna li taġixxi għan-nom tiegħu ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu magħmul mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

EIGE
European Institute for Gender Equality

www.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9218-072-0
doi:10.2839/72403

ISBN 978-92-9218-072-0
9 789292 180720

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

MH-31-12-942-MT-C